**Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti ta` Ġudikatura Kriminali**

**Maġistrat Dottor Aaron M. Bugeja M.A. Law, LL.D. (*melit*)**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Hubert Cini)**
**vs**
**Mary-Teresa Debono**

Il-Qorti:

Wara li rat l-imputazzjoni miġjuba fil-konfront tal-imputata **Mary-Teresa Debono** bint Alfred Galea u Josephine nee Falzon, residenti Marsascala u li għandha l-karta tal-identita bin-numri 539362M u li permezz tagħha ġiet imħarka talli nhar 31.10.2013 għal ħabta ta 20:00hrs ġewwa residenza 9, August Moon, Triq il-Ġiranju, Fgura bla ħsieb li tisraq jew li tagħmel ħsara kontra l-liġi, iżda biss biex teżerċita jedd li tippretendi li għandek, ġiegħelt, bl-awtorità tiegħek nnifsek, lil xi ħadd iħallas dejn, jew jesegwixxi obbligazzjoni, tkun li tkun, jew fixkilt lil xi ħadd fil-pussess ta' ħwejġu, jew iħott bini, jew kisirt il-mixi tal-ilma jew hadt l-ilma għalik, jew b'xi mod ieħor, kontra l-liġi, indaħalt fi ħwejjeġ ħaddieħor billi is-sakkar il-bieb min ġewwa u għalhekk Salvatore Debono ma jkunx jista jiftah il-bieb ta barra u dan bi ksur tal-Art 85(1) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat l-atti u d-dokumenti eżebiti;

Semgħet il-provi prodotti;

Semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet;

***<u>Ikkunsidrat : -</u>***

Illi mill-provi prodotti jirriżulta integrat ir-reat ta' ragion fattasi kommess a dannu tal-parte civile.

Il-Qorti rat illi mill-provi prodotti l-fond in kwistjoni ġie miżmum in komproprjeta bejn il-partijiet fil-kuntratt ta' separazzjoni datat 8 ta' Ottubru, 2013.

Illi fid-dati inkriminati Salvatore Debono ma kellux l-access ħieles għall-fond in kwistjoni, liema dritt kien spettanti kemm lill-imputata kif ukoll lilu.

Il-Qorti tqis illi fid-dawl tal-jeddijiet tal-imputata u tal-parte civile mhux possibbli li xi naħa minnhom tiġi mċahhda mid-dritt tat-tgawdija tal-istess proprjeta sakemm ma jkunx hemm qbil f'dan is-sens bejniethom jew sakemm dan l-istat ma jiġix mibdul bi pronunzjament ġudizzarju. F'dan il-każ la kien hemm wieħed u l-anqas l-ieħor.

Għalkemm huwa minnu li l-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali tgħid illi persuna f'sitwazzjoni simili għandha l-jedd li tissalvagwardja wkoll id-drittijiet, l-inkolumnita u l-proprjeta tagħha, mill-banda l-oħra ma tistax tagħmel dan a skapitu tal-jeddijiet ta' koproprjetarju ieħor.

**<u>Deċide : -</u>**

Għaldaqstant il-Qorti wara li rat l-Artikolu 85(1) tal-Kodiċi Kriminali qed issib lil imputata Mary-Teresa Debono ħatja tal-imputazzjoni miġjuba kontra tagħha; iżda fiċ-ċirkostanzi tal-każ, ix-xorta tar-reat u l-karattru tal-ħatja il-Qorti tqis li mhux spedjenti li twaħħal piena lill-ħatja, wara li għamlet dak rikjest mill-Artikolu 22(3) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, ai termini tal-Artikolu 22(1) tal-istess Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta qegħda tagħmel ordni li permezz tagħha tillibera lil ħatja bil-kondizzjoni li ma tagħmilx reat ieħor fi żmien xahrejn.

Inoltre, sabiex tipprovdi għas-sigurta tal-parte civile Salvatore Debono u

sabiex jitħares l-ordni pubbliku, wara li rat l-Artikolu 383 tal-Kodiċi Kriminali, il-Qorti qegħda, flimkien mal-piena, torbot lill-ħatja b'obbligazzjoni tagħha nnifisha taħt penali ta ħames mitt euro (€500) għal perjodu ta' sitt xhur millum.

***Moghtija illum l-14 t'Ottubru 2014 fil-Qrati tal-Gustizzja, Valletta.***

***Il-Maġistrat Aaron M. Bugeja.***